**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 30**

**It-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.02 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ray Abela (sostitut), l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 29 li saret fid-12 ta' Mejju 2025, kienu kkonfermati.

Qabel bdiet il-laqgħa, il-President tal-kumitat l-Onor. Agius xtaq jagħmel kjarifika fir-riġward ta' laqgħa 30 li kellha ssir nhar id-19 ta' Mejju 2025. Il-kumitat kellu quddiemu żewġ nomini, dawk ta' Kummissarji Għolja ta' Malta, residenti ġewwa pajjiżi varji:

- Dr Clifford Borg Marks għall-Awstralja; u
- Is-Sur Ronald Micallef għall-Gana.

Meta dawn ġew biex jidhru quddiem il-kumitat, saret mistoqsija dwar jekk dawn kellhomx jidhru quddiem il-kumitat peress li dawn huma membri tal-korp diplomatiku u peress li huma diġà fil-kariga bħala l-karriera tagħhom. Il-kumitat talab parir legali u dan ġie kkonfermat, u għalhekk il-laqgħa dakinhar tħassret u dawn ġew konfermati mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu għall-appuntamenti rispettivi tagħhom.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SINJORINA NANCY CARUANA GĦALL-KARIGA TA' PRESIDENT TAR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZ TAL-ENERĠIJA U L-ILMA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika l-Onor. Miriam Dalli, datata 25 ta' Lulju 2025, dwar in-nomina tas-Sinjorina Nancy Caruana għall-ħatra ta' President tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Nancy Caruana tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sinjorina Nancy Caruana daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sa Nancy Caruana li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa Caruana tat rendikont tal-karriera tagħha bħala impjegata fis-servizz pubbliku ta' Malta għal 40 sena u ġabret esperjenza f'diversi dipartimenti tal-gvern u f'diversi rwoli bħala skrivana, imbagħad Assistent Direttur u Direttur fost oħrajn. Il-karriera tagħha varjat mid-dipartiment tal-edukazzjoni, għad-dipartiment tal-VAT, mal-Awtorità tal-gaming, id-dipartiment tal-artijet, fil-ministeru tal-ekonomija, fit-turiżmu, Direttur fil-Ministeru tal-Inklużjoni, u l-Volontarjat u fl-aħħar snin bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ekonomija.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom relatati mal-irwol li qed jiġi ppreżentat u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fil-5.38 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Nancy Caruana u talabha sabiex tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fil-5.39 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Sinjorina Nancy Caruana għall-ħatra ta' President President tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fil-5.39 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sinjorina Nancy Caruana tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Sa Nancy Caruana daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' President tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni

Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika l-Onor. Miriam Dalli.

Is-Sinjorina Nancy Caruana rringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra.

Fil-5.40 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**